**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 10 ta' Jannar, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Rennie Stivala)**

**-vs-**

**Joanne Sciberras, detentriċi tal-karta tal-identità 388178M**

***Kumpilazzjoni Nru. 37/2016***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Joanne Sciberras u ċioè talli:

F'Novembru, 2014, u fil-gimghat u x-xhur li jiġu immedjatament wara, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żmienijiet differenti, iżda li jiksru l-istess diżpożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. appropjat ruħha billi dawwret bi profit għaliha jew għal persuni oħra, minn ħaġa ta' ħaddieor li ġiet fdata jew ikkunsinnata lilha taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, u li kienet ġiet fdata jew ikkunsinnata lilha minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz, jew minħabba depożitu neċessarju; u ċjoè flus kontanti u ċekkijiet, għad-dannu ta' ċertu Abdurraouf Mohammed Eddegrem (349104L) b'valur li jeċċedi l-ħamest elef euro (€5,000);
2. bi ħsara ta' ħaddieħor, għamlet xi qligħ ieħor b'qerq ta' aktar minn ħamest elef euro (€5,000); u

3. irrendiet ruħha reċediva b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr Doreen Clarke LL.D., mogħtija fit-3 ta' Frar, 2011, sentenza li saret definittiva u ma tistax terġa' tinbidel.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tat-18 t'Ottubru, 2016,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputata biex tigi gudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

(i) Fl-artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(ii) Fl-artikoli 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(iii) Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(iv) Fl-artikoli 17, 18, 31 u 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat:

Illi l-parte leza, **Eddegrem Abdurraouf Mohamed,** maghruf ukoll bhala Raouf, xehed dwar x'wassal sabiex saret kwerela lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jittiehdu passi fil-konfront tal-imputata u spjega kif hu kien gja jafha ghax kienet *salesgirl* u kienet tissuplixxi l-hanut tieghu. F'Novembru, 2014, kienu ltaqaw u hi talbitu jghina finanzjarjament peress li kellha *container* bir-Red Bull maqbud id-dwana u riedet thallas biex jinhareg. Kien ghaddielha ammont ta' flejjes quddiem l-accountant tieghu w l-imputata weghditu li l-qliegh minn fuq il-bejgh tar-red bull jinqasam mieghu bin-nofs.[2] Jumejn wara urietu xi dokumenti w nfurmatu li l-qliegh kien ser ikun ta' €20,000 u ghalhekk hu kien ser jiehu €10,000. Offrietlu li taghtih dawk l-€10,000 flimkien mal-€2,400 li kien sellifha jew jekk ried jidhol shab maghha u jkabbru n-negozju jkompli izid aktar flus. Hu accetta li jkabbar in-negozju u jsib il-bejgh tar-Red Bull u prodotti ohrajn gewwa l-Libja. Intlahaq qbil li jgibu hames containers xoghol li hi qaltlu

[1] Fol.105
[2] Fol.14-15

kienu ser jiswew €80,000 u li kellha bzonn €50,000 bil-quddiem. L-imputata qalet lil Raouf li r-Red Bull fil-container li nhareg mid-Dwana (bi flusu), inbiegh ghal €43,000 u ghalhekk kien hemm bzonn €7,000 ohra biex jaghqdu il-€50,000 sabiex jibghatuhom Cipru lil certu Tarek li kien ser jiehu hsieb jibghat il-5 containers li ordnaw.[3] Kien ghalhekk li l-parte leza jghid li ssellef €7,000 u tahomla f'cheque tal-APS ghal €4,000, mahrug fuq certu Mario, li kien l-imghallem tieghu, u madwar €2,400 cash. B'kollox hu jghid li ghaddielha €9,300.[4]

Illi l-parte leza ssokta jispjega kif iz-zmien baqa' ghaddej u sa Marzu, 2015,[5] l-5 *containers* li kien hareg il-flus ghalihom baqaw ma wasslux; meta kien jistaqsi lill-imputata din kienet tghidlu li kienu maqbuda d-dwana[6] u kien sahansitra wasal biex anke heddidha biex itih flusu lura.[7] Wara xi zmien qaltlu li kienet ser itih il-flus lura peress li l-*containers* kienu wasslu *"Qaltli le, jiena mara, ha ntik il-flus lura u bil-qliegh maghhom."*. Jghid li anke qaltlu li peress li l-ammont kien wiehed kbir kienet ser tghaddi l-ammont dovut lill-avukata taghha li mbaghad kellhom jghadduh lill-avukat tieghu, izda dan baqa' ma sehhx.[8] Itemm ix-xhieda tieghu billi jispjega li hu kellu jiehu madwar €9,100-€9,300 minghand l-imputata.[9] Spjega kif minbarra c-cekk ta' €4,000 kien hemm cekk iehor li skond l-imputata kellu jmur sabiex isiru hlasijiet lid-Dwana liema cekk nhareg mill-accountant tieghu, Robert Ebejer, u thalla intestat vojt ghal dan il-ghan.[10] Dan ic-cekk hu datat it-**18 ta' Novembru, 2014** izda jirrizulta li ntuza mhux biex tithallas id-Dwana imma bih thallas certu Mario Calleja.[11] Gew prezentati ukoll kopji ta' ATM slips li fi kliem l-parte leza huma *withdrawals* maghmula minnu fil-prezenza tal-imputata *"U ghaddejthomla biex tohrog bihom il-container"*.[12] L-ammont komplessiv hu ta' €1,200 u saru fid-**19 u l-20 ta' Novembru, 2014**.[13] Ic-cekk ta' €4,000 inhareg fit-28 ta' Novembru,

---

[3] Fol.16-17
[4] Fol.17
[5] Fol.21
[6] Fol.20
[7] Fol.21
[8] Fol.21
[9] Fol.22
[10] Fol.24
[11] Dok. AE1 a fol.36
[12] Fol.25
[13] Dok.J fil-folder mmarkat Dok. AE2

2014, minn Express Spares (Malta) Ltd., fejn dwaru Raouf spjega li gie moghti lilu mill-imghallem tieghu wara li Sciberras avvicinatu bil-proposta sabiex ikabbru n-negozju.

Mhemmx dubbju ghalhekk li d-dokumentazzjoni esebita mill-parte leza tikkorobora l-verzjoni tieghu partikolarment l-modalita` u l-perjodu tal-hlasijiet (a differenza tad-dati) minnu maghmula lill-imputata. Anke ix-xhieda ta' Azzopardi, Spiteri u Ebejer toffri korroborazzjoni lix-xhieda ta' Raouf. L-uniku diskrepanza hu l-ammont dovut kif jigi spjegat aktar il-quddiem.

Illi fil-fatt **Mario Azzopardi** jikkonferma li kien hu li ghadda cekk ta' €4,000 lil parte leza bhala self *"Tajthomlu ghax kellu jgib kien qieghed fi shab ma' xi hadd iehor, ma niftakarx l-isem issa naf min hu l-isem, biex igibu xi xoghol minn barra.....Naf li mara jisimha Joanne, qalli li ha jaghmel xi bicca xoghol maghha biex igibu xi container ikel jew xorb ma niftakarx ezatt x'kien."*[14]

Illi **Kevin Spiteri,** Customs Clearance u Freight Agent f'Arc Freight, xehed li ltaqa' mal-imputata f'Novembru, 2014 fejn din riedet tibda tuza s-servizzji tieghu. Qaltlu li riedet tiftah kumpanija ghal rasha biex tmexxi xoghol bejn l-Ewropa u l-Libja.[15] Isemmi kif darba ntroducietu ma Libjan Raouf[16] u *"Gew diskussi numru ta' containers li kellhom jghaddu mill-Ewropa u jmorru Felcoms il-Libja. In-natura tax-xoghol minghalija kellu jkun M&Ms u Red Bull ... Dan in-negozju kellu jsir, kienet qed tghidli li l-containers waslu biex jaslu, jien kont ikkuntrattat biex intella' l-containers mill-Port ta' Malta, nisdoganhom u nibghathom il-Libja. ... Jiena stajt nahdem ix-xoghol biss la darba Joanne tghaddili n-notice of arrival tal-agent u l-invoice. U dawn id-dokumenti ghandi qatt ma waslu."*[17] Isemmi kif darba cemplet Sciberras u *"qaltli inti mhux jien ha nhallsek? Id-diskors taghha kien dak, qaltli jien kif ikolli d-dokumenti f'idi nghaddihomlok qaltli imma inti lilu ghidlu li l-karti qeghdin id-Dwana u qed jinhadmu."*[18]

Ix-xhud jghid li hu kien baqa' jissikkaha biex jara d-dokumenti fhiex wasslu izda ghalkemm ghaddew xahrejn dokumenti baqaw ma

[14] Fol.69
[15] Fol.56-57
[16] Fol.62
[17] Fol.58
[18] Fol.58-59

wasslux.[19] Ix-xhieda tieghu tkompli tikkorobora dak li qal il-parte leza u cioe` li kien hemm intendiment li jsir negozju gewwa l-Libja u li kien anzjuz li jaslu l-containers. Jghid dan *"Laqqatni mieghu Joanne... hu kien bghatli l-indirizz l-contact name u t-telephone number tar-recieving party fil-Libja u jien ghidtlu li ha nipprocedi bl-informazzjoni li taghni.... Dan imbaghad kien cempilli hu ghax ried jaf f'liema stadju qeghdin id-dokumenti tad-Dwana....Biex jara f'hiex wasal ix-xoghol halli ikun jaf number one hu ried ikun prezenti meta...Hu kellu d-dubju mid-dehra tieghu jien hassejtu li kellu d-dubju illi jew il-containers mhux qeghdin hawn, qisu kien hemm xi mis-informazzjoni."*[20]

Illi **Robert Ebejer**, awditur, xehed li sar jaf lill-imputata wara li Raouf kien qallu li kienet *"habiba tieghi nixtieq nghinna ghax qed iggib xi affarijiet containers biex naghmlu business bejnietna, u ftit qabel kien taghni xi 2200 flus cash biex inhallaslu l-bollol u eventwalment kienu ghadhom ghandi. Qalli isma tista ttihomli biex intihom lil Joanne?....... Lil Raouf dak iz-zmien kont naghmillu l-accounts fis-sens il-VAT return u Tax return u kont inhallaslu l-bollol ukoll tas-self employed. Ghidtlu ifhimni inti taf bicca tieghek speci ta. Tajtu l-cash imbaghad kien mar hareg mid-dar ma kontx maghhom jien dak il-hin, imbaghad ftit wara regghu gew hu u s-Sinjura, qalli isma ghandi bzonn ftit iehor, ghidtlu mela filkas ha naghmillek cheque minn tieghi, u kont ghamiltlu cheque"*[21] Dwar dan ic-cekk jiftkar li Sciberras kienet qaltlu li dan kien sabiex jithallas il-VAT, *"**qaltli isma dawn ghal VAT**, u filfatt kont ghamilt cheque minghajr isem fil-verita' **qaltli biex imbaghad nara ezattament lil min irrid inhallsu**.... Jien ghaddejthom lil Joanne."*[22] Jikkjarifika li dawn kienu parti mill-€2,200 li kienu mizmumin ghandu. Xehed ukoll kif l-parte leza u l-imputata kienu mhajjra jifthu kumapnija bejniethom li kienet ser tinnegozja f'ikel impurtat minn barra biex jinbiegh fil-Libja.[23]

Illi l-**Ispettur Rennie Stivala** ta rendikont ta' dak li wassal sabiex tigi nvestigata Joanne Sciberras. **Fl-istqarrija** taghha Sciberras tindika bhala flejjes mghoddija lilha l-ammonti bhala dawk ta' €4,000 u €290 f'cekkijiet u €2,200 fi flus kontanti, total ta' €6,490 u mhux l-ammont ta' €9,000 vantat mill-parte leza. Lanqas ma kien hemm qbil dwar il-mottiv ta' dak

19 Fol.61-62
20 Fol.63
21 Fol.72
22 Fol.73-74
23 Fol.75

il-hlas peress li l-imputata kkontendiet li l-flus inghataw lilha parti bhala self u parti biex ingib xi xoghol minn Catania li baqa' ma hallasx ghalih Raouf. Giet esebita sentenza tat-3 ta' Frar, 2011, fil-konfront tal-imputata minn fejn jirrizultaw il-konnotati tal-istess.[24]

Illi ma jridx jintnesa li **Mario Calleja** kkonferma li c-cekk mahrug minn Robert Ebejer, dak ghal €290 mahrug fit-18 ta' Novembru, 2014, kien gie mghoddi lilu mill-imputata[25] filwaqt li Sciberras spjegat kif dan ic-cekk ghaddietu lil Calleja li kien qed jghina thallas kredituri taghha *"Niftakar li dak ix-xahar ghaddejtlu dak ic-cekk u l-bqija fi flus kontanti biex nghaqqad l-€1,000"*.[26] Dan meta lil parte leza[27] u lil Robert Ebejer kienet qaltilhom li dan kien cheque destinat ghall-hlas ta' VAT![28]

Illi **Joanne Sciberras** ghazelet li tixhed u spjegat kif kienet ilha taf lil Raouf ghal madwar 20 sena. Meta regghu ltaqaw hi kienet semmiet mieghu li kienet tahdem ma kumpanija fejn xogholha kien li ssib kuntatti biex jingieb xoghol minn barra. *"U ghidtlu li kont qed nerga' nibda nahdem u nsib lili nnifsi ghax kont ghaddejja minn problema finanzjarja. Accetta minn jeddu li hu jghini f' ammont qisu €2500 u gibidhomli, ahna konna qeghdin l-Imsida u gibidhomli mill-Bank of Valletta l-ATM f' darbtejn mill-ATM tal-BOV ta' fejn l-Universita. Tani ukoll cheque ta' €290 li qalli li ghandu l-flus ghand l-Accountant tieghu certu Robert u mort Haz-Zabbar biex hadtu minn hemmhekk dan it-€290…..Issa €290 biex insemmi ukoll hu meta xehed qal li jiena tlabthomlu ghal certu xoghol. Jien kont ghaddejja minn zmien difficli u l-ewwel flus li hu tani ma kienu l-ebda skop ghal xoghol. Il-flus tahomli ghalija personali."* [29]

Tghid li Raouf kien wera interess li jaghmlu xi xoghol flimkien u kien laqqahha ma xi nies izda dawn ma ghamlux id-depoziti necessarji ghalkemm hi kienet dahhlet f'kuntatti ma diversi nies fosthom Tarek f'Cipru. Tammetti li c-cekk li kien taha ghal €4,000 hi kienet sarfitu biex

---

[24] Dok. RS a fol.94

[25] Fol.53

[26] Fol.9

[27] Fol.23-24

[28] Fol.73-74: *"qaltli isma dawn ghal VAT.... u filfatt kont ghamilt cheque minghajr isem fil-verita' qaltli biex imbaghad nara ezattament lil min irrid inhallsu.... Jien ghaddejthom lil Joanne."*.

[29] Fol.114

igib hwejjeg u hampers minn Catania *"Jiena sarraftu u flok hallasna id-deposit biex jigi dan ix-xoghol jien sifirt Catania biex ingib il-hwejjeg u gibt hampers lesti ukoll u dan kien jafu b' dan kollu li qed jigri. Gibthom, ha minnhom hu ukoll bieghhom imma qatt ma wasalna biex nahdmu l-affarijiet flimkien."*[30]

Il-Qorti tistaqsi ghaliex galadarba, kif tixhed l-imputata, Raouf kien konsapevoli li l-€4,000 intefqu ghall-hampers u hwejjeg, hi kellha ghalfejn *"lil Kevin Spiteri iwa bdejt nghidlu jekk icempillek ghidlu li dalwaqt jaslu l-affarijiet."*?[31] Din ma kienet xejn ghajr indikazzjoni cjara li Raouf kien qed jistenna l-wassla ta' containers li kien kkontribwixxa finanzjarjament ghalihom u ma kien konsapevoli xejn li l-flus inteffqu mod iehor. L-imputata nsistiet li kull ma kellha taghti lill-parte leza kienu madwar €6,000.[32]

Illi in kontro-ezami l-imputata tghid li Raouf kien iffirma c-cekk mahrug fuq ismu sabiex hi tkun tista ssarfu, liema cekk intefaq sabiex hi tkun tista' ggib hwejjeg minn Catania waqt iz-zjara taghha hemm bejn is-6 u d-9 ta' Dicembru, 2014, fejn Raouf kien ha ammont ta' hwejjeg li jlahhaq il-€500-€600 izda qliegh fuqhom baqa ma tahiex lura, u hi lanqas ma raditlu l-qliegh minn fuq il-kumplament tal-hwejjeg li nxtraw bl-€4,000.[33] Terga' tirrepeti li l-ewwel €2,500 inghataw bhala self peress li kellha problem finanzjarji u kienet anke milquta` minn sekwestru u dan sehh ghaliex kienu ilhom snin twal jafu lil xulxin u fil-passat kienet ukoll ghenet lilu *"qalli tihomli meta tkun komda inti basta ttihomli, ftakar li ghandi hamest itfal"*.[34] Itemm id-deposizzjoni taghha billi tiddikjara li kienet l-intenzjoni taghha li thallas lura l-ammont li kien taha.[35]

Illi mhemmx qbil bejn il-verzjonijiet tal-imputata u tal-parte leza dwar l-ammonti u r-raguni ghaliex ghaddew il-flejjes minghand l-parte leza lill-imputata, peress li Sciberras tikkontendi li l-flus kienu self moghti lilha

---

[30] Fol.116
[31] Fol.117
[32] Fol.118
[33] Fol.119-120
[34] Fol.122-123
[35] Fol.125

minn Raouf. Filwaqt li Sciberras tinsisti, anke fl-istqarrija taghha, li Raouf ghadda €4,000 biex igib hwejjeg u €2,200 hampers[36] Raouf jghid li hu kien ghadda b'kollox madwar €9,000 sabiex jingiebu containers.

Mill-provi tirrizulta din il-kronologija fil-pagamenti-

**18 ta' Novembru, 2014**:

€2,200 fi flus kontanti li kienu ghand l-accountant[37] u mix-xhieda tal-istess Ebejer jirrizulta li kien fl-istess jum li hareg cekk ghaliex jghid hekk *"... u ftit qabel kien taghni xi 2200 flus cash biex inhallaslu l-bollol u eventwalment kienu ghadhom ghandi..... Tajtu l-cash imbaghad kien mar hareg mid-dar ma kontx maghhom jien dak il-hin, imbaghad ftit wara regghu gew hu u s-Sinjura, qalli isma ghandi bzonn ftit iehor, ghidtlu mela filkas ha naghmillek cheque minn tieghi, u kont ghamiltlu cheque";*[38] u minnhom cekk ghal €290 li jirrizulta li inhareg fit-18 ta' Novembru, 2014 u issarraf fis-27 tal-istess xahar minn Mario Calleja:[39]

*Spettur: Dawn kienu parti minn dawk l-2200 li semmejt jew kienu over and above?*

*Xhud: Iva iva minn dawk parti minnhom dawk.*[40]

**19 ta' Novembru, 2014:** €1,000 (zewg pagamenti ta €500) mill-ATM tal-Universita` ;[41]

**20 ta' Novembru, 2014**: €200 (zewg pagamenti ta €100) mill-ATM tal-Universta`;[42]

**28 ta' Novembru, 2014**: Cekk ta' €4,000 li ssarraf fil-5 ta' Dicembru, 2014[43] mahrug minn Mario Azzopardi u intestat lill-parte leza.

Ghalhekk minkejja li kemm l-parte leza kif ukoll l-imputata jsemmu li l-ewwel ammont kien dak ta' €2,500,[44] meta wiehed jara l-ammonti u meta

---

[36] Fol.8
[37] Fol.72
[38] Fol.72
[39] Dok. AE1 fol.36 u 37
[40] Fol.76
[41] Dok.J
[42] Ibid
[43] Dok.I fid-Dokument AE2 a fol.29
[44] Vide ukoll kwerela a fol.33

nhargu mill-parte leza, dati evidenzjati kemm mill-*withdrawal slips*, mill-istess cekkijiet u mhix-xhieda ta' Azzopardi u Ebejer, jirrizulta li l-ewwel pagament kien dak komplessiv ta' €3,400.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Charles Abela** il-Qorti ghamet ezami *funditus* fuq ir-reat ta' frodi u dak tal-approprijazzjoni idebita:[45]

Ghar-rigward tar-reat ta' mizappropriazzjoni referenza ssir ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Enrico Petroni u Edwin Petroni**[46] fejn il-Qorti elenkat l-elementi ta' dan ir-reat:

*"Dana r-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."*

L-awtur Francesco Antolisei jikteb:

*"La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio" (Manuale di Diritto Penale, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)"*

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Avukat Dr. Siegfried Borg Cole LL.D.,** il-Qorti ta' l-Appell Kriminali rriteniet li: [47]

Filwaqt li ma hemmx dubbju li fil-kaz ta' flus li jkunu qed jinzammu minn xi hadd biex dawn eventwalment jigu ritornati lil sidhom, in-non-restituzzjoni taghhom tista' tammonta ghal approprjazzjoni indebita[48], fil-kaz in dizamina jonqos ghal kollox l-element formali tar-reat. F'dan il-kaz ma kienx hemm id-*dolo* rikjest mill-ligi, u cioe` l-intenzjoni ta' l-appellat li japproprja ruhhu billi jdawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra mill-flus li kien qed izomm a nom ta' Gaglione jew ta' Abela. L-appellat la kellu x'xjenza li qed jaghmel xi haga illegali semplicement ghax ittardja li jaghmel il-konteggi mehtiega, u anqas volontarjament ikkonverta ossia dawwar il-flus bl-iskop li jaghmel profit minn dik il-konversjoni. Kif jispjega Luigi Majno (*op. cit.supra*):

**Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e` necessario il *dolo*. Trattandosi di delitto contro la proprieta`, a scopo d'indebito profitto per se` o per un terzo, il dolo sara` costituito dalla volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita`, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto**

---

[45] Deciza 06.07.2016 per Onor. Magistrat Dr. Josette Demicoli

[46] Deciza 9 ta' Gunju, 1998. Ara wkoll **The Police vs Keith Arthur Mayho** deciza fl-4 ta' Frar 2013

[47] Deciza 23 ta' Dicembru, 2003; Appell Nru.21/2003 per S.T.O. Prim Imhallef Dr Vincent De Gaetano

[48] "Trattandosi di somme di denaro," jispjega Luigi Majno, "l'accertamento della conversione puo` presentare in pratica qualche difficolta`; le negata *restituzione* – anche indipendentemente da una legale costituzione in mora – e` certamente una forma di consumazione; ma la consumazione puo` risalire anche a prima della negata restituzione, ove si pongano in essere tali atti che dimostrino la intenzione di appropriarsi la cosa altrui – come l'impiego della somma in uso proprio o il suo nascondimento a scopo di sottrarla al proprietario." (***Commento al Codice Penale Italiano***, UTET (1922), Vol. IV, para. 1951, pag. 105).

**proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di element obiettivo, non incorrera` in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo…Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e` (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di *violenza*) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche` non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e` costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il *dole*.**[49]

Issir riferenza ukoll ghad-decizoni **The Police vs Artur Arakelyan:**[50]

Consequently for the prosecution of the crime to be successful, the author of it must have the specific intention to make use of the object entrusted to him for a specific purpose, as if he were the owner and therefore make use thereof or disposing of the same, at a resultant profit for himself or for others. The jurist Francesco Antolisei explains:

"*La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio*" (**Manuale di Diritto Penale**, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)[51]

The key phrases in the law lie in the words "**under a title which implies an obligation**" and "**to make use thereof for a specific purpose**" – a purpose specified by the person delivering the object to the agent or agents, which person has the right to impose an obligation on the agent regarding the use to be made of the object entrusted to his care. If the agent proves that he has made use of such object according to the instructions given to him, then he cannot be found guilty of the commission of this offence. ……

Consequently from the above it results that the crime of misappropriation is based on the abuse of trust given to the agent, which abuse results in the consequent mishandling of any object by making use of the same for personal gain or profit whether financial or otherwise.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Marbeck Cremona** gie deciz:[52]

---

[49] *op. cit.* para. 1953, pag. 105-106.

[50] Deciza 17.07.2013 per Onor. Magistrat Dr. Edwina Grima

[51] **Pulizija vs Francis Camilleri,** Deciza 25.06.2001 – Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri)

[52] Deciza 15.02.2007

"Skond gurisprudenza kostanti u anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan r-reat ta' approprjazzjoni indebita huma dawn li gejjin:

1. Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita, li l-konsenja da parti tal-proprjetarju jew detentur lil agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula *con l'animo di spostarsi del possesso*, ghax altrimenti jiffugura mhux r-reat tal-approprjazzjoni ndebita, imma s-serq.

2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx wkoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni ndebita.

3. Illi l-oggett irid ikun mobbli;

4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga cioe` japproprja ruhu minnha, jew jbiegha, jew jiddistruggiha *a proprio commodo o vantaggio;*

5. Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor".

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, dik ta' frodi innominata, il-Qorti tal-Magistrati qalet hekk fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marjanu Zahra:**[53]

*Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza Il-Puliizja vs Carmela German (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004):* ***"Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."*** [emfazi tal-Qorti]

Illi mill-atti proceswali jirrizulta li kien hemm zewg okkazzjonijiet fejn gew mghoddija flejjes lil Sciberras: fl-ewwel okkazzjoni u cioe` bejn it-18-u l-20 ta' Novembru, 2014, meta jirrizulta li l-imputata nghatat mal-€3,400[54], u fit-tieni okkazzjoni fejn Sciberras giet moghtija €4,000 li nhargu b'cekk datat it-28 ta' Novembru, 2014, li nhareg minn Mario Azzopardi.

---

[53] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Onor. Magistrat Dr. Edwina Grima; Deciza fit-2.03.2011

[54] €2,200 (f'kontanti li minnhom kien hemm cheque ta' €290), u l-ammont komplessiv ta' €1,200 cash moghoddi lilha wara li saru *withdrawals* mill-ATM

Raouf jinsisti li fiz-zewg okkazzjonijiet il-flejjes inghataw biex isir negozju fuq merkanzija li kienet ingiebet u kienet ser tingab mill-imputata.

Illi Sciberras fl-istqarrija taghha issemmi li kienet marret Sqallija bejn is-**6 u id-9 ta' Dicembru, 2014** u meta xehdet quddiem il-Qorti sahhqet li Raouf kien jaf bl-iskop li gie msarraf ic-cekk, u cioe` sabiex igib hwejjeg minn Catania..[55] Madanakollu hi naqset milli tipprova sal-grad tal-probabbli li l-parte leza kien jaf bil-fatt li hi uzat l-€4,000 biex jingiebu hwejjeg u hampers. Kellha kull opportunita` tistaqsi lill-awditur Ebejer jekk kienx minnu li rcieva hamper minghand il-parte leza, kif tallega hi, izda dan ma ghamlitux u x-xhieda taghha fir-rigward baqghet ma gietx kkoroborata.

Illi mid-dokumenti esebiti mill-parte leza stess jirrizultaw *emails* li jirrisalu ghat-23 ta' Dicembru, 2014, fejn jidher li hu minnu li l-imputata kienet qed taghmel kuntatti ma persuna estera, James Festus, sabiex jingieb xoghol Malta biex jintbghat il-Libja u kienet qed izzom lill-parte leza infurmat bl-andament tal-isforzi taghha billi anke ghamlet *fowarding* tal-*email* li rceviet minghand l-imsemmi Festus.[56] Izda ghalkemm ix-xoghol ma wasalx, il-flus li nghatat lanqas ma gew mghoddija lura lill-parte leza!

Il-Qorti fil-fatt ma temminx li Raouf kien jaf fhiex inteffqu dawk l-€4,000; fil-fatt lill-imghallem tieghu, Azzopardi, li kien tah cekk minn tieghu, ma kienx semma mieghu xi hwejjeg izda qallu li kien qed jinnegozja f'ikel u xorb.[57] Ma kien hemm ebda raguni li waqfet lil Raouf milli jindika ma Azzopardi fhiex kien ser jikkonsisti n-negozju li ghalih talab is-self ta' €4,000 minghandu. L-istess gara ma Ebejer meta mieghu kien tkellem biss dwar containers[58] u mhux hwejjeg jew hampers! Anke il-fatt li Raouf kien wieghed lil Azzopardi li kien ser ihallsu lura fi zmien xahar jew tnejn jinkwadra fil-perjodu ta' zmien li Sciberras kienet indikat li kellhom jasslu l-containers. Fil-fatt *emails* esebiti mill-parte leza (fejn il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprovdi prova dwar id-data li fiha ntbghatu billi tahtar

55 Fol.118
56 Dok. F a fol.30
57 Fol.69
58 Fol.72

traduttur mill-lingwa Gharbija ghal dik Maltija), juru li l-uniku suggett diskuss bejn il-parte leza u l-imputat kienu dwar ikel u xorb.[59]

Dan kollu jkompli jikkorrobora il-verzjoni tal-parte leza li bejnu u bejn l-imputata l-intendiment kien dejjem dwar negozju li kellu jsir bejniethom fuq xoghol li kellu jingieb minn barra biex jinbiegh fis-suq Libjan u kien ghalhekk u ghal din ir-raguni biss li hu hareg, f'zewg okkazzjonijiet, pagamenti lill-imputata. L-ewwel darba ghax emmen li jekk jinheles mid-dwana il-container bil-hlas li kien ser jghaddilha, hu kien ser jaqsam il-profitti mal-imputata mill-bejgh tar-red bull li kien ingieb f'dak il-container, filwaqt it-tieni darba hu kkontribwixxa €4,000 ohra bil-hsieb uniku li jingiebu hames containers ohra ta' merkanzija destinata ghal-Libja.

Illi l-Qorti ma setghetx ma tinnotax ukoll li kien hemm inkonsistenzi bejn dak li jikkontendi il-parte leza u l-provi in atti u dan fir-rigward tad-dati li fihom saru l-pagamenti u l-ammont dovut-

a) Fil-kwerela minn tieghu l-parte leza jindika li d-data meta Sciberras avvicinatu ghall-ewwel darba kien fl-1 ta' Dicembru, 2014 u jumejn wara fit-3 ta' Dicembru, 2014 kienet regghet hajjritu jinvesti aktar fin-negozju u kien ghalhekk li kien ta ic-cheque ta' €4,000. Izda kif gja ntwera' il-flus kienu gja ghaddew ghand Sciberras sat-28 ta' Novembru, 2014, bl-ewwel pagamenti issiru bejn it-18 u l-20 ta' Novembru 2014, u l-pagament b'cekk issir fit-28 ta' Novembru, 2014.[60]

**b)** Hemm inkonsistenza anke fix-xhieda tal-parte leza fejn ghalkemm jibqa jsostni li hu kien dovut madwar €9,000-€9,300, naqas milli jaghmel id-debita prova dwar dan. Dak li rnexxielu jipprova kien li fit-tieni okkazzjoni kien ghadda biss €4,000 u mhux €7,000, li fil-kwerela jissemma li kienu maqsumin f'cekk ta' €4,000 u kontanti ta' €3,000![61] B'hekk jirrizulta sal-grad rikjest mill-ligi li l-parte leza ghadda l-ammont ta' **€7,600** u mhux l-ammont ta' €9,000 li qed javvanta.

---

[59] Dok.G-H a fol. 31-32
[60] Vide p.8 tas-sentenza fejn tigi indikata l-kronologija hekk kif tirrizulta mill-provi
[61] Para 4 u 5 fol.34

Illi minkejja dawn id-divergenzi xorta jirrizultaw ampjament ppruvati l-estremi tar-reati ta' approprijazzjoni indebita, izda limitatament ghall-ammont ta' f'dak li jikkoncerna l-€7,600.

Dwar l-imputazzjoni ta' frodi innominat, tenut kont li gew esebiti *emails* minfejn jirrizulta li ghal xi zmien kien hemm sforzi maghmula mill-imputata ma persuna estera, James Festus,[62] sabiex tingieb merkanizja Malta, l-Qorti ma tqisx li din l-imputazzjoni tista' tirrizulta.

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs Abdoul Moumine Abdoulaye Maiga** moghtija ricentement il-Qorti tal-Appell Kriminali ddikjarat:[63]

Maghdud dan, madanakollu l-Qorti tqies illi *una volta* stabbilit illi l-appellanti bl-uzu ta' raggiri u artifizji gieghel lill-parti leza tizvesti ruhha minn ammont sostanzjali ta' flus b'tali mod illi hija giet ingannata, ma jistax jinghad allura illi hemm ukoll l-elementi li isawwru r-reat tal-approprjazzjoni indebita. Dan ghaliex fil-kummissjoni ta' dan l-ahhar reat huwa nieqes l-element ta'l-ingann fis-sens illi it-trasferiment tal-pussess tal-oggett mobbli mis-suggett passiv ghas-suggett attiv tar-reat ikun sar ghal ghan specifiku in forza ta' ftehim bejn dawn t-tnjen minn nies, izda l-awtur tar-reat minflok li jaghmel uzu ta' dak l-oggett mobbli ghal ghan specifikat fil-kuntratt milhuq bejn il-partijiet, japproprjah ghalih innifsu daqslikieku kien is-sid u bi vjolazzjoni ta' dak il-kuntratt jaghmel uzu divers minnu sabiex jikseb vantagg ghalih innifsu. Issa f'dan il-kaz ghalkemm huwa minnu illi l-parti leza ghaddiet il-flus lill-appellanti ghal ghan specifiku, madanakollu hija giet indotta taghmel dan b'ingann u cioe' bl-uzu ta' raggiri u artifizji li permezz taghhom l-appellanti gieghlha temmen illi huwa seta ikattrilha l-flus li ghaddietlu, sabiex b'hekk il-kunsens taghha kien wiehed ivvizzjat minhabba l-uzu tar-raggiri frawdolenti mill-awtur, kuntrarjament ghal dak li jsehh fil-kaz tal-misapproprjazzjoni.

Mhux biss izda ukoll l-Prosekuzzjoni fil-kaz tar-reat tal-misapproprjazzjoni trid necessarjament tipprova illi l-awtur tar-reat ghamel uzu divers mil-flus minn dak li ghalih kienu gew fdati lilu. .....

Madankollu jidher ukoll li din l-imputazzjoni nghatat bhala akkuza alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni t' approprijazzjoni indebita li dwarha qed tinstab htija u ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi l-addebitu tar-recidiva ukoll gie ampjament ppruvat meta giet esebita s-sentenza moghtija nhar it-3 ta' Frar, 2011.

Fir-rigward tal-piena il-Qorti qiset in-natura tar-reati li qed tinstab htija dwarhom, tal-fedina penali tal-imputata u tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz. Jirrizulta li l-imputata baqghet ma rrifondietx l-ammont dovut

---

[62] Dok. F a fol.30

[63] Appell Nru: 250 / 2017 per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima; Deciza nhar l-14 ta' Dicembru, 2017.

lill-parte leza u tenut kont tas-sitwazzjoni finanzjarja prekarja taghha, mhux mistenni li jista' qatt issir dan il-hlas.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 293, 294, u 310(1)(a) tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, issib lill-imputata hatja tal-akkuzi l-ohra kollha migjuba fil-konfront taghha u tikkundannaha ghal 3 snin prigunerija.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas involut.

**Dr Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur.(Int. Law)**
**Magistrat**